

INVOLVIMENT TAL-PUBBLIKU

DEAR jagħti appoġġ lill-għarfien, ħiliet, politiki u mgħiba fejn persuni flimkien biex jagħtu fl-interess pubbliku. Hawnhekk proġetti jagħmlu użu minn kampanji ta' għarfien pubbliku biex jippromwovu għażliet ta' stili ta' ħajja, politiki u azzjonijiet ta' solidarjetà. Permezz ta' DEAR, persuni jingħallmu kif li għażliet tagħhom bħala konsumaturi jaffettwaw l-ambjent u komunitajiet ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw.

EDUKAZZJONI

DEAR jagħti appoġġ lill-proġetti fl-oqsma edukattivi formali u informali. Dawn jinkludu attivitajiet bħal żvilupp tal-kurrikulu, taħriġ lill-għalliema, ħidma fost iż-żgħażaġh u żvilupp komunitarju. Il-proġetti DEAR stimolaw koperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet edukattivi u l-OSĊ; f'haġna pajjiżi tal-UE liżvilupp edukattiv issa hu parti mill-kurrikulu uffiċjali tal-iskejjel.

Il-proġetti DEAR ħolqu wkoll netwerks ta' studenti u żgħażaġh fl-UE li jaħdmu flimkien fuq suġġetti ta' żvilupp.

X'INHU DEAR?

Il-Programm Edukazzjoni u Sensibilizzazzjoni għall-Iżvilupp (DEAR) isaħħaħ il-ħiliet u l-involviment kritiku tal-pubbliku Ewropew fir-rigward tal-iżvilupp u kwistjonijiet relatati miegħu.

(Kummissjoni Ewropea, 2012)

Fl-erba' deċennji ta' eżistenza tiegħu, il-Programm DEAR appoġġja proġetti li involvew il-pubbliku tal-UE f'kwistjonijiet globali ta' żvilupp soċjali, ekonomiku u ambjentali. Il-programm DEAR jaħdem mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) u awtoritajiet lokali (AL) biex jippromwovu valuri universali ta' libertà, demokrazija u stat ta' dritt.

Il-Programm jipprovdi €30 miljun fis-sena lejn proġetti tal-Istati Membri kollha tal-UE u jkopri temi diversi bħal konsum sostenibbli, tibdil fil-klima, qerda tal-faqar, ugwajjanza bejn is-sessi u l-edukazzjoni.

Permezz tal-proġetti DEAR, il-pubbliku Ewropew ikun jista' jikkontribwixxi b'mod pożittiv lejn l-iżvilupp dinji fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Kemm jekk tkun għalliem, persuna li taħdem maż-żgħażaġh, konsumatur, operatur tas-suq jew produttur, kull persuna tista' tikkontribwixxi biex itejjem il-kundizzjonijiet tal-għajxien għal kull bniedem.

Parteċipazzjoni fit-tibdil dinji jista' jieħu haġna forum.



DEAR

DEVELOPMENT EDUCATION AND
AWARENESS RAISING



Edukazzjoni u Sensibilizzazzjoni
għall-iżvilupp

Appoġġ għat-tibdil dinji

ĦOLQIEN TA' SENSIBILIZZAZZJONI

DEAR iqajjem sensibilizzazzjoni f'Ewropa fuq politiki ta' żvilupp. L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli 2030 (SDG) huma l-bażi li minnha dawn it-temi jingħibu lill-pubbliku Ewropew. Is-SDGs huma qafas miftiehem universalment li jinvolvi l-pajjiżi u l-popli kollha biex itemmu l-forom kollha ta' faqar, jiġġieldu l-inugwaljanzi u jitrattaw it-tibdil fil-klima. L-oġġettivi tal-proġett DEAR jinkludu, fost oħrajn, it-trattament ġust tal-ħaddiema u d-dritt ta' kull bniedem li jkollu haġna sigura u etika; id-drittijiet tal-konsumaturi għal aċċess sostenibbli u prodotti magħmula etikament, id-drittijiet ta' komunitajiet li jmxexxu u jipproteġu l-ambjent u r-riżorsi naturali tagħhom.

IL-PROGRAMM DEAR TAL-KUMMISSJONI EWROPEA...

...jiżviluppa l-kuxjenza pubblika tal-UE u l-fehim kritiku tar-rwol u r-responsabilitajiet tagħha f'soċjetà interdipendenti u globalizzata. Dan jappoġġja involviment attiv fl-isforzi dinji ja biex jinqered il-faqar u jippromwovi ġustizzja, drittijiet umani u żvilupp soċjoekonomiku sostenibbli fil-pajjiżi imsieħba.

Erba' deċennji ta' Żvilupp Edukattiv

Mis-sebgħinijiet, il-Programm DEAR ikkontribwixxa għar-rikonoxximent pubbliku ta' suġġetti relatati mal-iżvilupp. Uħud minn dawn huma l-integrazzjoni tal-Kummerċ Ġust; l-introduzzjoni ta' suġġetti tal-iżvilupp f'programmi tal-iskola u t-titjib ekoloġiku ta' katini ta' provvista. Dan ipprova kofinanzjament ta' proġetti li jenfasizzaw l-importanza ta' enerġiji rinnovabbli għat-tnaqqis tal-faqar u żvilupp sostenibbli; il-kwistjoni ta' tħaddim tat-tfal f'pajjiżi li qed jiżviluppaw; l-inklużjoni soċjali tan-nisa, saħħa materna u drittijiet tan-nisa.

capacity4dev.ec.europa.eu/dear-programme



DEAR

DEVELOPMENT EDUCATION AND
AWARENESS RAISING



Edukazzjoni u Sensibilizzazzjoni
għall-Iżvilupp

Appoġġ għat-tibdil dinji

«Aħna komunità globali,
aħna ilkoll marbutin flimkien»

Parteċipant fil-Fiera DEAR 2015

«L-involvement #taċ-ċittadini tal-UE
hu essenzjali biex jintlaħqu #s-SDGs»

Il-Kummissarju Neven Mimica, Fiera DEAR 2015